MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Numru. 39/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Manwel Cassar ta' 58 sena bin Anthony u Helen nee' Attard, imwieled il-Gudja nhar it-2 ta' Settembru 1952 residenti fil-fond Mario, Triq il-Hgejjeg, Xewkija, Ghawdex detentur ta'l-karta ta'l-identita' numru 676852(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Manwel Cassar akkuzat talli nhar it-8 ta' Novembru 2007 u gimghat ta' qabel gewwa Ghawdex u fl-inhawi differenti f'dawn il Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi

zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza u cioe' billi altera zewg licenzji tal-windscreen bin-numru serjali mhux maghruf, uzati fuq ventura tal-ghamla FIAT CROMA bin-numru ta' registrazzjoni IAJ158 biex gew jidhru bhala licenzja wahda u gew alterati biex jindikaw li l-licenzja tiskadi f'Settembru 2008 minflok f'Settembru 1999.

2. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza u cioe' billi altera zewg licenzji tal-windscreen bin-numru serjali mhux maghruf, uzati fuq ventura tal-ghamla FIAT CROMA bin-numru ta' registrazzjoni IAJ158.

3. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla FIAT CROMA bin-numru tar-registrazzjoni IAJ158 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'licenzja jew polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

4. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza

u cioe' numru ta' registrazzjoni falz ta' ventura jaqra IAJ158 maghmul fuq il-plastik.
5. U talli fl-istess data. hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'si document mahsub ghal xi awtorita pubbblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra' IAJ158 maghmul fuq il-plastik.
6. U talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra IAJ158 maghmul fuq il-plastik.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-17 ta' Marzu 2009;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-istqarrija tal-imputat[1] kif ukoll mix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni,[2] jirrizulta illi dwar il-fatti ta' dana l-kaz ma hemmx kontestazzjoni. L-imputat ghamel pjanca bin-numru ta' registrazzjoni falza permezz ta' bicca plastik u anke sahansitra wahhal mal-windscreen licenzja iffalsifikata minnu billi kif jistqarr hu stess ghamel scanning bil-computer ta' licenzja antika u mbaghad ghamlilha bicca foil kulur dehebieni. Dina wahhalha fuq ventura FIAT CROMA bin-numru ta' registrazzjni IAJ158 proprjeta

[1] Dokument B a fol.10 u 11
[2] Ara xhieda tal-PC1075 Joseph Micallef a fol. 15, Spettur Josric Mifsud a fol.24.

tieghu u li kienet ilha iggaraxxjata madwar sentejn. Ighid illi ghamel dana sabiex jiehu l-vettura mid-dar ghal ghand il-mechanic u fi triqtu waqaf ghal xi vista ghand it-tabib l-isptar. Kemm il-pjanci falsifikati kif ukoll il-licenzja ffallisfikata u l-vettura gew esebiti fl-atti tal-kawza.[3] Illi l-uniku xhud prodott mid-difiza, Vincent Zahra, jikkonferma illi meta l-imputat xtara dina l-vettura huwa kien konsapevoli tal-fatt illi kien hemm bosta arretrati ta' licenzji u citazzjonijiet li kienu ma thallsux u ghalhekk l-imputat kien jaf ben tajjeb illi l-vettura ma setghetx tinsaq fit-triq. [4]

Illi l-akkuzi ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk tal-falsifikazzjoni. Dana huwa rifless fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali li tinsab a fol.53 tal-process. Illi fir-rigward ta' dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna nghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:
"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli

[3] Dokumenti JM1, JM2, JM3 u JM4.
[4] Ara xhieda ta' Vincent Zahra a fol.24 u 25

fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"

Illi dana l-kaz kien jitratta pjanca ta' registrazzjoni falza kif ukoll licenzja tat-triq li giet iffalisifikata billi giet ikkupjata minn fuq wahda originali u skaduta u immodifikata. L-imputat ghalhekk huwa hati tar-reat tal-falsifikazzjoni a tenur tal-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u cioe' tar-reat tal-falz ideologiku u mhux tal-falz materjal kif ravvizat fl-artikolu 183, 184 u 185 tal-Kapitolu 9. La l-pjanci ta' registrazzjoni u lanqas il-fotokopja tal-licenzja tal-vettura tal-imputat ma kienu xi dokument iffalsifikati fl-essenza taghhom Hawnhekk si tratta ta' falsifikazzjoni ideologiku ghaliex l-imputat immanifattura dokumenti li jindikaw informazzjoni skorretta. Mistoqsi fl-istqarrija kif ghamel il-pjanci, l-imputat iwiegeb: "*Zbajthom b'acrylic u stencil u il-kartun ksejtu bl-istick on*." Mistoqsi imbaghad kif ghamel il-licenzja li wahhal mal-windscreen iwiegeb: "*Kien hemm wahda antika fiha* (b'referenza ghal vettura), *scanjatha bil-komjuter u ipprintjajtha. Il-bicca gold ghamiltha bil-foil*." L-imputat ghalhekk holoq "dokumenti" foloz sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu kif spjegat fl-artikolu 188.

Illi l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu, jindika wkoll id-disposizzjonijiet 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dana kif rifless fit-tielet akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi ma hemmx dubbju illi dina l-akkuza hija pjenament u sodisfacentement ippruvata anke fuq ammissjoni tal-imputat stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fejn ighid illi huwa saq il-vettura fit-triq minghajr licenzja valida

mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti u minghajr ma kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti tosserva illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda voluminuza u ikkulurita. Madanakollu ghalkemm l-imputat huwa akkuzat b'reati serji, il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni, ir-raba, is-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tielet u l-hames akkuzi u tikkundannah ghal perijou ta' sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghda wkoll tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qieghda tordna wkoll il-konfiska tad-Dokumenti JM1, JM2, JM3 u JM4 favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------